# NOTTURN II

*Xħin taqta' l-għatx tal-ġisem,*
*ħabib, la tixrobx aktar,*
*għax wara x-xorb iż-żejjed*
*tiġi l-qrusa fil-ħalq, fil-qalb id-dieqa.*

*Kollox bil-qies is-sewwa ;*
*il-Ħażen wara l-ikla*
*ikollu l-ġuħ ta' qabel,*
*għax bir bla qiegħ il-lupa tad-dnub tagħna.*

*Wara t-tbahrid il-gdiedem,*
*wara l-bews il-mibegħda,*
*u dik l' għannaqt fl-għaxija*
*tistmell il-kruh ta' wiċċha f'dawl il-għada.*

*Ġenbejk iħossu t-toqol*
*tal-għejja ta' l-imħabba,*
*u t-tfal li tnisslu f'sakra*
*ikarkru ma' saqajk donnhom katina.*

18-7-45 — Marċell Mizzi.